**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-21 ta' Gunju, 2019**

Kawza numru: 9/2019 AM

Numru fuq il-lista: 36

**Mikhail Shuliak (K.I 101444A) et.**

**The Rock Flat 8,**

**Triq Claire E. Angel,**

**San Giljan**

**Vs**

**ARMS Limited**

**Gattard House,**

**National Road,**

**Blata l-Bajda**

It-Tribunal,

Din hija sentenza preliminari dwar l-ewwel eccezjoni tas-socjeta' konvenuta li titratta l-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fit-23 ta' Jannar, 2019 li permezz tieghu qed jitolbu minghand is-socjeta' konvenuta l-hlas ta' elf mitejn erbgha u sebghin ewro (€1,274) dovuta kwantu ghat-tariffa l-aktar gholja bejn zewg tariffi li s-socjeta' konvenuta qed ticcargja lill-atturi.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha fost eccezzjonijiet ohra qed teccepixxi l-inkompetenza *rationae materiae* ta' dan it-Tribunal sabiex jisma u jiddeciedi kawza odjerna u dan ai termini tas-sezzjoni 1.3 tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta stante li t-tilwimiet marbutin mas-servizzi tal-elettriku u l-ilma huma soggetti ghall-arbitragg mandatorju.

Sema' lil partijiet jitrattaw din l-eccezzjoni u n-nota ta' referenzi bis-sentenzi annessi prezentata mis-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidra

Li l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta hija bazata fuq sezzjoni 1.3 tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta stante li t-tilwimiet marbutin mas-servizzi tal-elettriku u l-ilma huma soggetti ghall-arbitragg mandatorju.

Ir-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta) tipprovdi ghall-arbitragg mandatorju.

L-Artikolu 1.3 tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tipprovdi ghat-tilwimiet marbuta mas-servizzi tal-elettriku u l-ilma u tghid hekk:

"1.3 Tilwimiet marbuta mas-servizzi tal-elettriku u tal-ilma

Kull tilwima li jkollha x'taqsam mal-provvista tal-energija elettrika, kera ta' meter tal-elettriku, jew kull servizz provdut mill-Korporazzjoni Enemalta, u kull tilwima marbuta mas-servizzi tal-ilma, bla hsara, fejn dan japplika, ghad- disposizzjonijiet tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, ghad- disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Enemalta u l-Att dwar il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, u ghad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Provvista tal-Elettriku u r-Regolamenti dwar il-Fornitura ta' Ilma: Izda l-konsumaturi jkollhom jedd jipprezentaw it-talbiet taghhom kontra l-Korporazzjoni Enemalta jew il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, kif ikun il-kaz, skont il-procedura stabbilita b'dan l-Att: Izda wkoll minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, izda minbarra l-Att dwar l- Affarijiet tal-Konsumatur jew kull regolament maghmul tahtu

fejn dawn il-ligijiet jikkoncernaw is-soluzzjoni, deskritta kif deskritta, ta' kull tilwim tal-konsumatur, u bla hsara ghal kazijiet li hemm pendenti, it-Tribunal tal-Arbitragg ghandu jkollu l- gurisdizzjoni esklussiva fuq dawn il-kazijiet".

F'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, tas-17 t'Ottubru, 2013, Gold Circle Developments Limited vs Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma et, b'referenza ghall-eccezzjoni tal-konvenut li l-Qrati ma kellhomx gurisdizzjoni fir-rigward ta' kawza ghad-danni wara l-qtugh tas-servizz tad-dawl, gie osservat:

1. "It-tilwima li ghandha quddiemha din il-Qorti hija precizament tilwima dwar il-"provvista tal-energija elettrika", lil Joseph Sultana ghas-socjeta' rikorrenti, u tikkoncerna s-servizz provdut miz-zewg Korporazzjonijiet intimati. Huwa palezi li desputa fuq "nuqqas" ta' provista kjarament taqa' fl-ambitu ta' "tilwim" fuq il-provvista tal-energija elettrika.
2. Di piu, d-danni allegatament sofferti mis-socjeta' rikkorenti, jemminaw u jiddependu fuq it-tilwima dwar il-provvista o meno tal-luce elettrika u ilma miz-zewg Korporazzjonijiet intimati.
3. Din id-desputa bejn il-partijiet tinkwadra ruhha perfettament f'dak illi huwa mahsub f'Artikolu 1.3 tar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fuq spjegat. Dan it-tilwim jinkludi fil-fehma tal-Qorti, kull tilwima illi wasslet ghal nuqqas ta' provvista tas-servizzi u tinkludi il-policy tal-Korporazzjonijiet dwar il-hlasijiet ta' kontijiet tal-konsumaturi registrati precedenti, u dan b'mod specjali in vista tal-fatt li dawn il-Korporazzjonijiet ghandhom monopolju fil-provvista ta' luce elettrika u ilma f'dawn il-gzejjer. Hija l-fehma ta' din il-Qorti, illi, kwalunkwe tilwima rigwardanti danni subiti bhala konsegwenza ta' nuqqas ta' provvista tas-servizzi, ghandha wkoll tigi konsidrata bhala tilwima li ghandha x'taqsam mal-provvista tal-energija elettrika u mas-servizzi tal-elettriku u ilma skont l-Artikolu 1.3 tal-Iskeda fuq indika.
4. Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjetajiet intimati, tiddikjara illi l-Qrati ordinarji m'ghandhom gurisdizzjoni in materja u li tali gurisdizzjoni hija arrogata lit-Tribunal tal-Arbitragg".

It-Tilwima li ghandu quddiemu dan it-Tribunal hija tilwima dwar it-tariffa li s-socjeta' konvenuta qed ticcargja lill-atturi liema tariffa l-atturi jikkontendu li din mhix dik applikabbli ghalihom.  Li ghalhekk id-desputa bejn il-partijiet tinkwadra ruhha perfettament f'dak li huwa mahsub fl-Artikolu 1.3. tar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta kif fuq spjegat. Din it-tilwim tinkludi fil-fehma tat-Tribunal kull tilwima dwar il-policy tas-socjeta' konvenuta dwar il-hlasijiet ta' kontijiet tal-konsumaturi.

Ghal dawn il-motivi dan it-Tribunal jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' intimata tiddikjara li dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni in materja u li tali gurisdizzjoni hija arrogata lit-Tribunal tal-Arbitragg.

Dwar it-talba tal-atturi li saret waqt it-trattazzjoni tas-seduta tat-30 ta' Mejju, 2019, sabiex kemm-il darba dan it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta l-atti jigu rinvjati lic-Centru tal-Arbitragg, dan it-Tribunal, dan it-Tribunal ma jistax jilqa' t-talbiet attrici stante li c-Centru tal-Arbitragg mhux Qorti tant li ghandu procedura 'ad hoc' dwar kif ghandhom jigu ntavolati t-tilwimiet u r-risposti taghhom u  ghalhekk din it-talba qed tigi michuda.

Fic-cirkostanzi tal-kas in ezami dan it-Tribunal iqis li jkun ghaqli u gust li l-kawza tibqa bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**